

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Kyriakopoulou, G. Étienne u A. Vitro, sussegwentement S. Kyriakopoulou u A. Vitro, sussegwentement S. Kyriakopoulou u J. Bauerschmidt, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, L. Havas u R. Tricot, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 125), u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Rami Makhoulouf huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 371, 10.10.2016.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2017 – Marsh vs EUIPO (LegalPro)

(Kawża T-472/16) <sup>(1)</sup>

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea LegalPro — Raġuni assoluta għal rifjut — Natura deskrittiva — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2017/C 221/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Marsh GmbH (Francfort-sur-le-Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Riegger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-17 ta' Ġunju 2016 (Każ R 146/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-0sinjal verbali LegalPro bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Marsch GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 383, 17.10.2016